# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 2168/97**

**Numru 27**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Mifsud u b'nota tat-12 ta' Mejju 2000 is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Joseph Mifsud assumiet l-atti**

**vs**

**Miriam isem imnehhi u sostitwit b'Doris skond digriet tas-7 ta' Marzu 2000 Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-17 ta' Jannar 1997 fil-limiti ta' San Giljan waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura Nru D-0485, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li hija habtet mal-vettura numru HAB 868 propjieta tal-assikurat tal-attur, Joseph Mifsud u assikurata comprehensive mas-socjeta assikuratrici attrici, u ikkagunat hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici fl-ammont ta‘ hames mija u zewg Liri Maltin u sitt centezmi (Lm502.06,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tat-2 ta' Lulju 1997 u tal-parir (Lm20.00) u ta' ittra ufficjali ppresentata ma l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta kontra l-istess konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 3 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenuta Miriam Cassar ma kienet involuta fl-ebda incident awtomobilistiku ma' l-assigurat tas-socjeta attrici Joseph Mifsud, peress illi fil-hin ta' l-incident il-vettura kienet qed tigi misjuqa minn Doris Cassar.

2. Illi, fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz prezenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-incident de quo sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurat tas-socjeta attrici Joseph Mifsud, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet moghti fis-7 ta' Marzu 2000 hawn fuq imsemmi u li bih l-isem tal-konvenuta gie korrett ghal "Doris" (fol 31 u 32 tal-istess atti).

Rat ukoll in-nota a fol 41 u 42 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawzi specjalment dak verbalizzat a fol 43, 44 u 45.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel eccezzjoni hu sufficjenti li issir referenza ghad-digriet hawn fuq imsemmi moghti fis-7 ta' Marzu 2000 (fol 31 u 32 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu, jinghad l-ewwel nett li l-konvenuta qatt ma dehret quddiem l-istess Qorti jew ipproduciet xi prova sabiex b'xi mod issostni dak li allegat fit-tieni eccezzjoni taghha (ara fol 3 ibid kif ukoll dak verbalizzat a fol 45 ibid).

Illi, da parti tas-socjeta' attrici gie prodott:

a) Michael Mifsud (fol 34 u 35 ibid) li kien qed jsuq il-karozza bin-numru HAB 868, propjeta ta' missieru, l-assikurat tas-socjeta attrici nomine. L-istess xhud spjega, li, fil-lokalita fejn

gara l-incident in esami, “hemm triq li ma tinfidx (“dead end”)” fuq in-naha tax-xellug tieghu, li l-konvenuta “..... irriversjat ghal fuqi. Din kienet hierga bir-reverse mid-”dead end street” li semmejt” u li hu daqq il-”horn” kif ukoll ghamel tentattiv sabiex tigi evitata l-kollizjoni in esami billi jsuq ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq;

b) PS 778 David Sant (fol 27 u 28 ibid) li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz, relattivi ghall-istess incident (fol 17 sa 24 ibid);

c) is-”survey report”, ritratti in fotokopja u kopja tal-kont in rigward it-tiswija li saret tal-hsarat fuq il-vettura propjeta tal-istess assikurat Joseph Mifsud (fol 36 sa 40 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont ta’ dak kollu premess, jidher evidenti li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenuta Doris Cassar, bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u ghad-danni kollha konsegwenzjali minhabba li kienet qed issuq b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku;

2) tillikwida l-ammont tal-istess danni fis-somma ta' Lm502.06,0 u;

3) tikkundanna lill-konvenuta Doris Cassar sabiex thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm502.06,0 bl-imghaxijiet legali mit-22 ta 'Ottubru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi Lm20 tal-parir imsemmi fl-avviz u taz-zewg ittri ufficjali tat-2 ta' Lulju 1997 u tal-15 ta' Ottubru 1997 imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur